MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 886/1990/1

**Sammy Meilaq bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks u b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks**
**assuma l-atti tal-kawza minflok il-Malta Drydocks**

**v.**

**Av Dr. Joseph John Vella b'digriet tas 27 ta' Awissu, 1990 nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lis-socjeta` estera Foster Wheeler Power Products Limited.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Awissu 1990 l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta` konvenuta Foster Wheeler Power Products Limited inkarigat lill-Malta Drydocks taghmel xoghol ta' fabbrikazzjoni u erezzjoni fuq il-Boilers numri sebgha (7) u tmienja (8) fil-Power Station tal-EneMalta Corporation fil-Marsa; illi l-Malta Drydocks ghad baqalha tithallas minghand is-socjeta` Foster Wheeler Power Products Limited is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin elf, erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm555,494.11,0) oltre l-imghaxijiet kummercjali, bilanc tal-prezz ta' forrnituri, xoghol ta' fabbrikazzjoni, manifattura, kostruzzjoni u servigi ohra rezi mill-istess Malta Drydocks fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta Foster Wheeler Power Products Limited fuq il-progett tal-Boilers numri 7 u 8 fil-Power Station ta' l-EneMalta Corporation fil-Marsa, kif fuq inghad; illi interpellata biex thallas, is-socjeta` konvenuta, ghalkemm ma cahditx li ghandha thallas baqghet ma halsitx; dan premess is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti,

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin elf,erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm555,494.11,0) oltre l-imghaxijiet kummercjali, bilanc tal-prezz ta' forrnituri, xoghol ta' fabbrikazzjoni, manufattura, kostruzzjoni u servigi ohra rezi mill-istess Malta Drydocks fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta, fuq il-progett tal-Boilers numri 7 u 8 fil-Power Station ta' l-EneMalta Corporation fil-Marsa kif fuq inghad, bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar, 1990 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut nomine li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-13 ta’ Mejju, 1991 il-konvenut Avukat Joseph John Vella nomine eccepixxa:
Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mill-attur nomine huwa esagerat u mhux skond il-ftehim bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

B’nota ohra ipprezentata fit-28 ta’ Novembru 1991 (fol. 13) is-socjeta` konvenuta eccepiet ulterjorment:

Illi din il-Qorti m’hijiex kompetenti tisma’ u tiddeciedi din il-procedura a bazi ta’ l-artikolu 742(g) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Dwar dina l-eccezzjoni ulterjuri jidher li l-partijiet issottomettew ruhhom ghall- gurisdizzjoni ta’ dik il-Qorti billi wara l-verbal a fol. 16 ma saru ebda provi fuq l-eccezzjoni u l-ewwel Qorti baqghet tisma’ provi fil-mertu. Effettivament hekk ippronunzjat ruhha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fil-31 ta’ Mejju, 2004 billi, ghar-ragunijiet hemm moghtija laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hames mija, sbatax il-elf u tlieta u sebghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezimi (LM517,073.54), bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u ordnat li l-ispejjez jithallsu kwantu ghall-10/11 mill-konvenuti u 1/11 mill-atturi u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
“**Rapport tal-periti**

“Fir-rapport tal-periti nsibu s-segwenti osservazzjonijiet fuq il-punti li gew imqajjma f’dina l-kawza.

“**Boiler Numru 7** - Il-kwistjoni dwar dan il-boiler hija biss fuq konteggi u mhux fuq interpretazzjoni tal-kuntratt jew esagerazzjoni fil-prezzijiet. Skond il-konvenuti l-bilanc

dovut huwa ta’ Lm100,000.00 (fol. 33) mentri l-atturi jirritjenu li l-ammont huwa ta’ Lm152,962.00 . (ara dok. LB 1 fol. 120, 287). Skond il-periti, dwar boiler 7 l-ammont dovut mid-ditta konvenuta huwa ta’ Lm106,915.68 billi naqqsu l-pagament ta’ Lm45,932.40 mill-Lm152,848.08. (Appendici A) u saru xi aggustamenti ohra.

“**Boiler Numru 8**

“Il-ftehim dwar dan il-boiler sar bil-korrispondenza - ara ittra tal-konvenuti lill-atturi datata 22 ta’ Ottubru, 1984 u risposta ta’ l-atturi b’fax u ittra identika fil-24 ta’ Ottubru, 1984 fejn irriferiet ghall-ittra tal-konvenuti u ddikjarat li tiehu l-kuntratt pero’ fejn jidhol il-prezz nizlet li l-prezz hu ta’ Lm1,338,000 “ to include all known extras as per telex 5.10.84. Terms and conditions as per boiler 7 except for penalty clause.” Rigward il-kawzola tal-variations il-Malta Drydocks qablet ma dak li qalu l-konvenuti. Il-purchase order mahruga fil-4 ta’ Dicembru, 1984 mill-konvenuti, kkonfermat l-ordni taghha tat-22 ta’ Ottubru, 1984 u l-accettazzjoni tal-Malta Drydocks u qalet li l-prezz ta’ Lm1,338,000 kien “ for the supply of materials, complete fabrication, erect the plant and provide all such other services to match the total known scope of work currently being undertaken by Malta Drydocks under purchase order for boiler”.

“**X’kien jikkomprendi l-prezz ta’ Lm1,338,000 fuq boiler 8**.

“Il-Periti rriferew ghall-ittra ta’ l-atturi tal-24 ta’ Ottubru, 1984 u qalu li din mhiex ghal kollox konferma ta’ l-ittra tat-22 ta’ Ottubru, 1984 li biha l-konvenuti kienu taw is-subappalt lill-atturi billi l-ittra tat-24 ta’ Ottubru, fiha kontroproposta. Ghall-konvenuti l-prezz kien ta’ Lm1,338,000 mentri ghall-atturi kien hemm extras li kienu saru fuq boiler 7 sa dak iz-zmien, ghalhekk kull zieda oltre d-data tat-24 ta’ Ottubru, kellha tizdied mal-prezz miftiehem. Il-problema hi jekk il-kliem “all known extras” mnizzla mill-atturi, hiex l-istess bhal “total known scope of works” mnizzla fl-ittra tal-konvenuti.

“Skond il-periti l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-prezz ta’ Lm1,338,000 kien ser ikun prezz tax-xoghol kollu fuq boiler 8 bil-prezzijiet u xogholijiet maghmulin anki b’zieda mal-kuntratt originali fuq boiler 7 u dan sal-24 ta’ Ottubru, 1984, data li dahal fis-sehh il-kuntratt bejniehtom u dana ghaliex ix-xoghol fuq il-boiler 7 ma kienx ghadu lest u l-partijiet ma setghux ikunu jafu x’kien ser ikun ix-xoghol kollu fuq dan il-boiler minn qabel u x’ser ikun il-prezz finali.

“Il-prezz fuq boiler 8 kien ta’ Lm1,338.000 li kien jinkludi x-xogholijiet kollha biz-zidiet li kienu saru fuq il-boiler 7 sal-24 ta’ Ottubru, 1984. Id-data operativa kienet tal-24 ta’ Ottubru, 1984 u ghalhekk in- “known extras” kellhom ikunu dawk maghrufa sal-24 ta’ Ottubru, 1984. Il-kontendenti ma kienux taw indikazzjoni ta’ x’kien it-“total scope of works” jew “known extras” fiz-zmien tal-ftehim fuq il-boiler 8. Fiz-zmien meta sar il-ftehim fuq boiler 8 kien fadal xi hames xhur xoghol fuq boiler 7 u l-invoices baqghu hergin sal-1986. Il-prezz finali fuq boiler 7 kien ta’ cirka Lm600,000 aktar minn dak miftiehem fil-1983. Il-prezz finali fuq boiler 8 kienu kwazi l-istess bhal boiler 7. Id-ditta attrici ssostni li l-prezz finali fuq boiler 8 kien ta’ Lm1,793,320 u wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-konvenuti ta’ Lm1,410,780.47, il-bilanc hu kollu extra jew additional ghal dak li kien maghruf bhala extra fil-24 ta’ Ottubru, 1984. Skond l-istatement prezentat mis-socjeta` konvenuta a fol. 33 il-bilanc allegatament dovut minnhom fuq boiler 8 huwa NIL. Skond Lawrence Bilocca pero’ l-ammont dovut lis-socjeta` attrici huwa ta’ Lm382,539.53.

“Ghalhekk il-periti kkonkludew li billi x-xoghol fuq boiler 7 kien ghadu ma spiccax meta beda x-xoghol fuq boiler 8 u tenut kont tal-fatt illi invoices fuq boiler 7 baqghu johorgu sal-1986, id-ditta konvenuta ma tistax issostni li l-bilanc mitlub hu esagerat fis-sens li ma hux xoghol “extra over and above” in “known extra works” fid-data tal-ftehim cjoe 24 ta’ Ottubru, 1984. Id-ditta konvenuta ma rnexxiliex iggib ebda prova konvincenti illi dawn l-invoices kienu ta’ xoghol extra li kien maghruf fid-data tal-kuntratt. Minn naha l-ohra s-socjeta` attrici ssostanzjat bil-kotba tan-negozju u kopja tad-dokumentazzjoni relattivi u tal-fatturi (hlief ghal tnejn) it-talba taghha. (Ara Appendici B) fol. 83.

“**Nota kritika tal-konvenuti**

“Il-konvenuti jsostnu li huma ma kienux accettaw il-kontroproposta ta’ l-atturi kontenuta fl-ittra taghhom tal-24 ta’ Ottubru, 1984 izda kienu ghamlu offerta ohra gdida permezz tal-purchase order no: 4001/2 - 3101 - 07725 datata 4 ta’ Dicembru, 1984. Skond klawzola 10 tal-kuntratt principali “extra work” kienet tfisser biss xoghol li jintalab espressament bhala “extra” minghand il-konvenuti, jew ikun xoghol li dwaru l-atturi jkunu, qabel beda tali xoghol, infurmaw bil-miktub lill- ingineer u dan jkkonferma bil-miktub li tali xoghol hu ragjonevoli u korrett fic-cirkostanzi. Haga li s-socjeta` attrici ma ghamlitx. Il-konvenuti jirritjenu li s-socjeta` attrici accettat dina l-kontroproposta billi kompliet ix-xoghol.

“Il-konvenuti jargumentaw li anke kieku kellha tapplika l-kontroproposta ta’ l-atturi tal-24 ta’ Ottubru, 1984 il-prezz kellu jinkludi “all known extras” . Jekk il-kuntratt invece hu bazat fuq il-Purchase Order il-prezz kellu jinkludi “total known scope of work” liema zewg espressjonijiet huma kwazi l-istess. Billi x-xoghol fuq boiler 7 kien kwazi lest, l-atturi kien messhom jafu bil- “all known extras” meta ssottomettew il-prezz ghal Boiler Nru 8 u li ma kienx ser ikun hemm varjazzjonijiet. Ghalhekk il-prezz ta’ boiler 8 meta sar il-kuntratt kien wiehed fiss ta’ Lm1,338,000 suggett biss ghal varjazzjonijiet biex takkomoda tibdil mehtieg ghal Boiler 7 wara l-24 ta’ Ottubru, 1984 u fejn dak it-tibdil ma kienx prevedibbli fl-istess data.

“Il-konvenuti jissottomettu inoltre li huma ma kellhomx ghalfejn jelenkaw in- “known extras” sas-27 ta’ Ottubru, 1984 billi dawn kienu maghrufa ghall-atturi fiz-zmien meta gie stabbilit il-prezz ghal boiler 8 u dana a bazi tal-esperjenza li kienu hadu l-atturi fuq il-boiler numru 7. Ghal “known extras” gie miftiehem. Il- li l-atturi pprezentaw fatturi ghal boiler 7 aktar tard ma jfissirx li huma ma kienux jafu x’kien ix-xoghol involut.

“Is-socjeta` attrici harget numru kbir ta’ fatturi, ftit ghal pagament skond il-kuntratt u ftit ghax-xoghol u materjal addizzjonali, minghajr ma specifikat x’kien ix-xoghol u materjal zejjed, u minghajr ma fittxet l-approvazzjoni tas-socjeta` konvenuta qabel bdiet bl-extra work. Skond il-konvenuti l-prezz stabbilit ghal Boiler Nru 8 kien ta’ Lm1,338,000 waqt li l-extras kienu ta’ Lm26,848,58. B’kollox Lm1,364,848.58 li kollha thallsu mill-konvenuti. Kien ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova li hija ntitolata ghal pagamenti zejda u x’kienu. Il-perit komputista stqarr li ma kellux informazzjoni bizzejjed, u dan ma kienx jigri kieku s-socjeta` attrici taghtu lista tal-fatturi b’konferma ta’ liema kienu skond ir-rekwiziti kontrattwali u liema kienu x-xoghol extra.

“**Nota socjeta` attrici**

“Is-socjeta` attrici qablet in linea generali mar-rapport peritali hlief ghall-ammont dovut fuq Boiler Nru 7 u t-tnaqqis ta’ 5% mis-somma globali li rrizultat dovuta.

“**Boiler Nru 7**

“L-atturi ma jaqblux li l-ammont ta’ Lm45,932.40 kellu jigi kreditat lill Boiler Nru 7 u dana billi meta sar il pagament ta’ Lm234,953.67 mill-konvenuti, s-socjeta` attrici kienet infurmat lill-konvenuti li l-pagament kien gie allokat ghal Boiler Nru 8. (Ara dok a fol. 287) u l-konvenuti ma qalux li ma kienux qed jaqblu. Fuq Boiler 7 l-atturi qed jitolbu Lm152,962.40.00.

“**Boiler Nru 8**

“Il-ftehim kien li x-xoghol jibda jghodd fil-24 ta’ Ottubru, 1984 fuq bazi tal-konto-proposta ta’ l-atturi bil-prezz li jinkludi “all known extras as per telex 5.10.84. Terms and conditions as per boiler 7 except for penalty clause.” L-atturi jirritjenu li fil-24 ta’ Ottubru, 1984 huma ma setghux ikunu jafu l-prezz finali tal-boiler nru 7 billi dana spicca

f'Marzu 1985 u l-invoices baqghu johorgu sal-15 ta' Lulju, 1986. Il-prezz finali tal-boiler nru 8 kien kwazi l-istess bhal boiler numru 7. (para 8:14). Lm1,790,000 u Lm1,793,320. u dana jirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet.

"L-invoices kollha dovuti jirrizultaw mill-kotba tan-negozju ta' l-atturi u gew verifikati mill-espert komputista. Ghal kuntrarju l-kumpanija konvenuta naqset li tipproduci r-records taghha.

"It-tnaqqis ta' 5% diga kien ittiehed kont tieghu meta nhargu l-invoices. Inoltre l-mod kif gie dedott ma jiehux kont tal-prezz tal-materjal.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Dwar il-Boiler nru 7 l-atturi qed jghidu li ghad ghandhom jiehdu Lm152,962.40 mentri l-konvenuti qed isostnu li l-bilanc dovut huwa ta' Lm100,000 fuq liema somma sar ftehim li tigi depozitata l-Qorti. Il-Periti mqabbda minn dina l-Qorti waslu ghall-konkluzzjoni li l-ammont dovut fuq dana l-boiler huwa ta' Lm106,915.68. L-atturi jsostnu li l-ammont huwa akbar billi l-ammont imhallas mill-konvenuti ta' Lm45,932.49 ma kienx ghall-boiler 7 imma boiler nru 8.

"Mid-dokumenti SM1 il-perit komputista wasal ghall-figura ta' Lm152,848.08 bhala dovuta ghal xoghol fuq il-boiler 7.

"L-ammont ta' Lm30 fid-Dok LB1 fol. 120 huwa dovut ghall- boiler 8 (ara fattura 28985). Kwantu ghal Lm7,000 dan hu dovut skond ma hemm imsemmi fil-para 7:06 tar-rapport. Dwar l-ammont ta' Lm45, 932.40 meta l-konvenuti hallsu l-ammont ta' Lm234,953.67 huma kienu hallsu l-ammont ta' Lm45,932.40 ghall-boiler 7 biex minn dak li s-socjeta` konvenuta kienet tqis bhala gustifikat thalli pendenti l-figura tonda ta' Lm100,000 biex tifforma l-bazi tal-ftehim finali kif fil-fatt sar.

"Ghalhekk l-ammont dovut fuq il-boiler 7 huwa ta' <u>Lm106,916.68</u> kif qalu l-periti.

“**Dwar il-Boiler Nru 8** hemm l-ewwel il-kwistjoni dwar x’kien il-ftehim dwar dan il-boiler. Kuntratt ad hoc ma kienx hemm pero’ kienet saret korrispondenza - ara ittra tat-22 ta’ Ottubru, 1984 u risposta ta’ l-atturi b’fax u ittra identika fil-24 ta’ Ottubru, 1984. L-atturi jirritjenu li l-ftehim kien dak milhuq bl-accettazzjoni u kontropropsta taghhom tal-24 ta’ Ottubru, 1984 mentri l-konvenuti jirritjenu li l-ftehim kien skond l-offerta gdida li kienu ghamlu permezz tal purchase order no: 4001/2 - 3101 - 07725 datat 4 ta’ Dicembru, 1984.

“Il-Periti, wara li ghamlu l-konsiderazzjonjijiet taghhom, waslu ghall-konkluzzjoni li l-ftehim li kien jorbot il-partijiet kien dak milhuq bl-ittra ta’ l-atturi tal-24 ta’ Ottubru, 1984. Il-purchase order tal-4 ta’ Dicembru, 1984 ikkonfermat l-ordni taghhom tat-22 ta’ Ottubru, 1984 u l-accettazzjoni ta’ l-atturi. Il-kuntratt kellu jsehh u jibda japplika mill 24 ta’ Ottubru 1984. Skond il-konvenuti l-prezz finali kien ta’ Lm1,338.000 mentri l-atturi jsostnu li dan l-ammont ma kienx wiehed finali izda bhala l-prezz biz-zidiet kollha li kienu saru fuq il-boiler nru 7 sa dak iz-zmien “all known extras”, u ghalhekk kull zieda ohra oltre d-data tal-24 ta’ Ottubru,1984 kellha tizdied mal-prezz miftiehem. Il-confirmation order tal-konvenuti ta’ Dicembru 1984 tindika li l-prezz jikkomprendi “the total known scope of works” li kien jirreferi ghax xogholijiet kollha li kienu saru maghrufa lill-partijiet fil-24 ta’ Ottubru, 1984 data meta sehh il-kuntratt. Il-prezz fuq il-boiler 8 kien ta’ Lm1,338,000 u kellu jinkludi x-xogholijiet kollha biz-zidiet li kienu saru fuq boiler 7 sal-24 ta’ Ottubru, 1984. Dan il-prezz kien gie discounted.

“Dwar x’kienu x-xogholijiet biz-zidiet li kienu gja saru fuq boiler 7 fil-24 ta’ Ottubru, 1984 il-partijiet ma ezebewx elenku ta’ x’kien it-total scope of works jew known extras fiz-zmien tal-ftehim fuq boiler 8. Id-ditta attrici ssostni li l-prezz finali ghall- boiler 8 kien ta’ Lm1,793,320 u wara li jitnaqqas dak li hallset s-socjeta` konvenuta, l-bilanc huwa kollu extra ghal dak li kien maghruf bhala extra fil-24 ta’ Ottubru, 1984. Dana pero’ ma setghax jigi konfermat ma l-invoicing ezibiti mill-atturi billi l-verifika ta’ x’kien

jikkomprendi n-"known extras" fil-24 ta' Ottubru, 1984 ma sarx.

"Skond id-dok a fol. 33 il-konvenuti jirritjenu li m'ghandhom jaghtu xejn fuq boiler 8, mentri l-atturi (ara xhieda L.Bilocca) jghidu li l-ammont dovut hu ta' Lm382,539.53. (jew Lm428,471.93 jekk jizdiedu Lm45,932.40 li gew allokati lill-boiler 7).

"Il-Perit komputista, mid-dokument SM1, u wara li ezamina l-kotba tan-negozju tad-ditta attrici u ra d-dokumentazzjoni u fatturi relattivi, wasal ghall-figura ta' Lm445,335.42 dovuta ghal xoghol fuq boiler nru 8. Il-konvenuti mistoqsija biex jindikaw ghaliex ma kienux qed jaqblu ma dak indikat mill- atturi dovut bhala extra, dawn ma ndikawx u ma wrewx li x-xoghol extra mitlub kien maghruf fid-data tal-kuntratt. Id-ditta konvenuta kellha rapprezentant taghha Malta meta kien qed isir ix-xoghol u setghet tivverifika x'kien qed isir; l-invoicing kien qed johrog specifikat u f'dak il-waqt id-ditta konvenuta kellha l-opportunita' biex tikkontesta dawk l-invoices.

"Spiridione Aquilina, prodott mill-atturi, xehed li kull meta kien ikun hemm variation, kienet tinhareg variation order iffirmata mir-rapprezentant tal-Malta Drydocks u Mr.Wass, rapprezentant on site ta' Foster Wheeler. Huwa personalment kien jikkomunika mal-Financial Controller tal-kumpanija konvenuta l-Ingilterra u dawn qatt ma cahdu li ghandhom jaghtu. (ara fol. 98).

"L-ammont totali dovut fuq boiler 8 huwa ta' Lm430,485.14 (appendici B) u Lm1,260 (appendici C). B'kollox Lm431,745.14. Fuq dana l-ammont l-periti naqqsu 5% billi fuq boiler 8 ma giex pruvat li nghata xi discount, kif ukoll billi lanqas ma saret prova dwar il-valur tal-materjal. L-ammont discounted fuq boiler nru 8 hu ta' <u>Lm410,157.88</u>.

"B'kollox ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha tiehu **<u>Lm517,073.54</u>**."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors ipprezentat fit-18 ta' Gunju, 2004 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Qorti joghgobha tbiddel l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu ikkundannat lil appellanti thallas is-somma ta' LM106,916.68 ghal boiler numru 7, thassar u tirrevoka dik i-parti tas-sentenza fejn ordnat lil l-appellanti thallas l-ammont ta' LM410,157.88 ghal boiler numru 8, u minflok tordna li l-appellanti m'ghandhom jaghtu l-ebda ammont ghar-rigward ta' boiler numru 8.

Is-socjeta` attrici appellata intavolat risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti nomine.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravji mressqa huma in succint is-segwenti:

a) Illi l-ewwel Qorti naqset tikkunsidra l-fatt li fid-data tal-kuntratt tat-tieni boiler is-socjeta` attrici kienet taf jew kien messa kienet taf f'hijiex kien jikkonsisti x-xoghol billi l-ewwel boiler kien kwazi lest.

b) Illi is-socjeta` attrici ma kellhiex dritt tohrog invoices mhux approvati.

c) Illi l-prezenza ta' rapprezentant Malta ma jilliberax lis-socjeta` attrici milli tonora l-obbligi kuntrattwali.

d) Illi s-socjeta` konvenuta dejjem irrifjutat l-invoices ghax-xoghol extra.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jinghad li mis-sentenza fuq riportata ma sar ebda appell ghal dik il-parti li tikkoncerna l-Boiler Numru 7. Ghalkemm is-socjeta` appellata fir-risposta taghha tilmenta dwar il-mod kif gie akkreditat xi ammont imhallas mis-socjeta` konvenuta, ma jidhirx li talbet xi

varjazzjoni fis-sentenza fuq imsemmija. Il-kwistjoni ghalhekk tikkoncerna biss l-ammont dikjarat dovut favur is-socjeta` attrici ghax-xoghol ezegwit fuq il-Boiler Numru 8.

**Ikkunsidrat:**

Bejn il-kontendenti kien intlahaq ftehim ghal kostruzzjoni ta' zewg "boilers" ghal EneMalta billi s-socjeta` konvenuta, li kienet inghatat il-kuntratt ghal kostruzzjoni u stallazzjoni ta' l-istess, kienet tat b'subappalt ix-xoghol in kwistjoni lis-socjeta` attrici. Ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet regolata permezz ta' zewg "kuntratti" separati u distinti inkwantu dak li kien jikkoncerna l-Boiler numru 7, li sar l-ewwwel, sar effettiv fit-30 ta' Novembru, 1983 meta giet mahruga l-"Purchase Order" numru 4001/2 – 3101 – 07487. Mentri l-ordni tal-Boiler numru 8 gie mahruga mis-socjeta` konvenuta fl-4 ta' Dicembru, 1984, wara skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet interessati, u l-"Purchase Order" mahrug dak inhar u li jgib in-numru 4001/2 – 3101 – 07725.

L-aktar haga li tiddistingwi dawn iz-zewg kuntratti, u li forsi kienet r-raguni tad-disgwid bejn il-kontendenti, kienet il-fatt li l-"Purchase Order" li jikkoncerna l-Boiler numru 7 ma kien jaghti ebda valur globali ghax-xogholijiet ordnati, mentri dak li jikkoncerna l-boiler numru 8 jindika valur fiss. Infatti l-Purchase Order numru 0748 li jikkoncerna l-boiler numru 7, fil-kaxxa fejn hemm miktub "Value" hemm imnizzel biss "To be agreed", mentri fl-istess kaxxa fil-Purchase Order numru 07725 koncernanti l-boiler numru 8 il-valur tal-kuntratt jinsab imnizzel bhala LM1,338,000. Fiz-zewg "Purchase Orders" kien kontemplat hlas ghall-"Variations" b'dana li fil-kaz tal-kuntratt li jikkoncerna l-Boiler numru 7, billi l-kontendenti ma kienux jafu x'kienu ser jkunu dawn l-"extras" ma ntqal xejn dwarhom.

Huwa minnu li ma' l-istess Purchase Order tal-Boiler numru 7 giet mehmuza lista ta' diversi partiti ta' xoghol li kellu jsir bil-prezzijiet relattivi bl-ammont globali ta' LM1,105,638.72, liema ammont gie dikjarat bhala li "*represents the current <u>best assessment</u> of this value of*

*this work*"; b'dana kollu jinghad ukoll li "*The purchaser will from time to time issue additional information which will modify the work and the price*". Dan gara billi kien mistenni li man mano li jkunu qed isiru x-xogholijiet jirrizultaw bhala mehtiega u mhux mahsuba certa xogholijiet addizzjonali li naturalment kellhom jigu *invoiced* mis-socjeta` attrici u debitament mhallsa. Effettivament mill-atti tal-kawza rrizulta li l-prezz finali fuq dan il-boiler kien ferm in eccess minn dak imsemmi hawn fuq.

Kif rajna il-Purchase Order ghall-Boiler numru 8, li nghata cirka sena wara dak koncernanti l-boiler numru 7, kien jispecifika prezz fiss fl-ammont ta' LM1,338,000. Jidher pero` li hemm divergenza bejn il-partijiet x'kien ikopri dan il-prezz. Filwaqt li s-socjeta` konvenuta tirritjeni li "*This price to be fixed for the duration of the contract and not to be subject to remeasurment of quantities*" [ittra ta' Foster Wheeler lil Malta Drydocks tat-22 ta' Ottubru, 1984 fol. 234 tal-process], mill-banda l-ohra s-socjeta` attrici, filwaqt li accettat dan il-prezz kemm bit-telex tal-24 ta' Ottubru 1984, kif ukoll fl-ittra ta' l-istess Malta Drydocks tal-24 ta' Ottubru ta' l-istess sena mibghuta lis-socjeta` konvenuta fejn jinghad li "This letter supercedes our telex of the 24th October 1984 reference MAL 595", iddikjarat li l-prezz miftiehem "*to include all known extras as per our telex ref MAL 129/DC dated 5th October 1984."* [fol. 237]. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed tirritjeni li dak kollu li kien "extra work" ezegwit fuq il-Boiler numru 7 sad-data msemmija, kellu jifforma parti mill-prezz ta' LM1,338,000, mentri kull xoghol "extra" li jigi ordnat u ezegwit wara din id-data kellu jithallas separatament "over and above" il-prezz fiss miftiehem.

Gara pero` li fil-Purchaser Order li s-socjeta` konvenuta harget favur is-socjeta` attrici datat 4 ta' Dicembru, 1984 il-kondizzjoni mnizla mis-socjeta` attrici rigwardanti l-valur tal-kuntratt u l-extras ma tissemmiex specifikatament, biss hemm imnizzel hekk "*Confirmation Order of Contract entred into by our letter dated 22/10/84, your acceptance telex dated 24/10/84*[1]" u fir-rigward ta' li "Scope of Work"

[1] Ara l-kopja tat-telex a fol. 236.

jinghad "*Supply materials, complete fabrication, erect the plant and provide all such other services to match <u>the total known scope of work currently being undertaken by M.D.D.</u>*" [enfazi tal-Qorti]. Effettivament is-socjeta` attrici qed tirreklama ammont ferm in eccess tal-prezz miftiehem bejn il-partijiet, liema ammont qed jigi kontestat bhala mhux dovut mis-socjeta` konvenuta billi din tirritjeni li l-ammont reklamat, hlief ghall-ammont zghir li s-socjeta` konvenuta tghid li accettat bhala extra, kien fil-parti l-kbira tieghu jifforma parti mill-prezz miftiehem.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti irriteniet, konformement ma dak li qal il-Perit Komputista, li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kien ta' LM445,335.42 u dan bazat fuq il-kotba tan-negozju tad-ditta attrici u dokumentazzjoni u fatturi relattivi. Il-Qorti kompliet hekk:
"Il-konvenuti mistoqsija biex jindikaw ghaliex ma kienux qed jaqblu ma dak indikat mill-atturi dovut bhala extra, dawn ma ndikawx u ma wrewx li x-xoghol extra mitlub kien maghruf fid-data tal-kuntratt. Id-ditta konvenuta kellha rapprezentant taghha Malta meta kien qed isir ix-xoghol u setghet tivverifika x'kien qed isir; l-invoicing kien qed johrog specifikat u f'dak il-waqt id-ditta konvenuta kellha l-opportunita' biex tikkontesta dawk l-invoices.

"Spiridione Aquilina, prodott mill-atturi, xehed li kull meta kien ikun hemm variation, kienet tinhareg variation order iffirmata mir-rapprezentant tal-Malta Drydocks u Mr. Wass, rapprezentant on site ta' Foster Wheeler. Huwa personalment kien jikkomunika mal-Financial Controller tal-kumpanija konvenuta l-Ingilterra u dawn qatt ma cahdu li ghandhom jaghtu. (ara fol. 98)."

Fuq din il-bazi l-ewwel Qorti cahdet l-oggezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ddikjarat li l-ammont indikat bhala "extras" kien dovut.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din il-konkluzzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet:
a) Il-kuntratt ghall-Boiler numru 8 huwa intimament marbut ma dak li jikkoncerna l-Boiler numru 7. Meta inghata l-kuntratt ghall-Boiler numru 7 kienu gew

specifikati dettaljatament ix-xogholijiet li kellhom jigu ezegwiti b'riserva ghall-hlas ta' dawk ix-xogholijiet "extra" li setghu jirrizultaw waqt l-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

b) Meta nghata t-tieni kuntratt, dak koncernanti l-Boiler numru 8, gie miftiehem li l-prezz kien jinkludi, naturalment dak kollu li kien gie "listed" mal-Purchase Order ghall-Boiler numru 7 u dak kollu maghmul bhala "extra" fuq l-istess Boiler sal-24 ta' Ottubru 1984. Ghalhekk dawk l-extras li gew ezegwiti waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol fuq il-boiler numru 7 u li kienu maghrufa sa dik id-data ma kellhomx jibqghu jigu kunsidrati bhala "extras" izda kellhom jifformaw parti mill-prezz miftiehem ta' LM1,338,000. Konsegwentement is-socjeta` attrici, kemm a tenur ta' dak li hemm fil-Purchase Order numru 07725, kemm a tenur ta' dak li sostniet l-istess socjeta` fil-Fax u l-ittra taghha, it-tnejn tal-24 ta' Ottubru, 1984, fir-rigward tal-boiler numru 8 kienet biss intitolata titlob hlas addizzjonali ghal dak ix-xoghol extra li setgha rrizulta bhala mehtieg <u>wara</u> l-24 ta' Ottubru 1984 u li ma kienx gja kunsidrat u rikonoxxut bhala extra waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol fuq il-boiler numru 7 sa dik id-data.

c) Il-kuntratt ghall-kostruzzjoni tal-Boiler numru 8 kellu l-istess kondizzjonijiet, hlief ghal dawk li jikkoncernaw il-hlas, tal-Boiler numru 7. Fil-kondizzjonijiet annessi mal-Purchase Order tal-Boiler numru 7, wara li gie indikat ammont approssimativ tal-valur tal-kuntratt, jinghad hekk "The purchaser (is-socjeta` konvenuta) will from time to time issue additional information which will modify the work and the price." Aktar l-isfel fl-istess dokument f'Section 5 – "Variations" jinghad hekk "Variations shall only be undertaken on the <u>written authority</u> of the Purchaser. In the event that such a written authority is not provided, then the contractor <u>must</u> put the variation in writing to FWPP Ltd, for <u>authorisation</u>….." Dan jirrifletti fuq zewg affarijiet li qalet l-ewwel Qorti u kif riportat hawn fuq:

i. illi l-presenza f'Malta ta' rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kien ghal kollox irrilevanti f'materja ta'

xoghol “extra” billi kull variation kellha tkun mitluba jew awtorizzata bil-miktub;

ii. illi, kuntrarjament ghal dak li irriteniet l-ewwel Qorti, skond ma ddeterminaw l-esperti inkarigati, kien biss fi ftit okkazzjonijiet u mhux kif xhed Spiridione Aquilina, li variation order kienet tkun iffirmata. Infatti fir-rapport taghhom para 8.15 (fol 73 tal-process) dawn jghidu hekk:

“Id-ditta attrici esebit statement of account u l-invoices kollha relattivi biex waslet ghall-ammont bilancjali dovut oltre s-somma LM1,338,000 miftiehma liema invoicing gie verifikat u korrett skond il-provi prodotti mill-perit komputista f’appendici `B` ma dan ir-rapport. Pero` uhud biss minn dawn l-invoices huma approvati bhala zidiet mill-kuntratt minn Foster Wheeler kif jidher mill-istess appendici ……….” (sottolinear ta’ din il-Qorti”);

iii. dan ifisser li s-socjeta` attrici mhux biss ma irnexxielx tikkorrobora l-asserzjoni taghha li l-ammont reklamat extra mill-kuntratt kien dovut ghall-“extras” mhux kontemplati meta inghata il-kuntratt izda li wkoll hija ma ottemperatx ruha mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa’ l-appell tas-socjeta` konvenuta u tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-ammont ta’ erba’ mija u ghaxar telef mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezimi [LM410,157.88] mhux dovuta lis-socjeta` attrici appellata filwaqt li tikkonferma s-sentenza ghall-bqija ta’ l-ammont u cioe` fis-somma ta’ mija u sitt elef disa’ mija u sittax-il lira Maltija tmienja u sittin centezimu [LM106,916.68] u ghad-dekorriment ta’ l-imghax. Tordna wkoll li l-ispejjez tal-kawza, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell, jigu sopportati kwantu erba’ partijiet minn hamsa ($^4/_5$) mis-socjeta` attrici appellata u parti wahda minn hamsa ($^1/_5$) mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------